TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 449/10

**John Buttigieg**
**vs**
**Marpac Gift Shop**

Illum 13 ta' Marzu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' ħamsin ewro (€50), rappreżentanti ħames frames silver plated, li fi żmien anqas minn sena dawn bdew jittebbgħu.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, pero' attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa xtara ħames frames illi bdew jittebbgħu f'inqas minn sena u meta mar jurih wieħed minnhom, dan kien biddilulu, iżda l-erbgħa l-oħra ma riedx jibdilhomlu. Dawn xtrahom għaxar ewro (€10) il-wieħed.

Is-soċjeta' intimata verbalment issottomettiet illi dawn il-frames tnaddfu b'xi ħaġa tat-tindif illi ma kienx jgħodd għalihom.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota li sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jinnota illi l-ammont huwa ħamsin ewro (€50), allura mhuwiex fl-interess tiegħu li jitqabbad espert biex jara x'inhi l-problema ta' dawn il-frames minħabba n-natura żgħira ta' flus u li żgur illi l-ispejjeż jitilgħu ferm iktar jekk wieħed iqabbad espert.

Għalhekk, wara li sema' lill-partijiet, it-Tribunal jinnota illi r-rikorrenti ma ngħatax ebda struzzjonijiet sabiex dawn il-frames ma jiġux imnaddfa b'xi likwidu, pero' teżisti l-possibilta' wkoll li seta' kien il-fatt illi r-rikorrenti naddafhom b'xi ħaġa li ma taqbilx magħhom.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lill-intimat sabiex iħallas l-ammont ta' tletin ewro (€30), bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**